# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) INFERJURI

## MAGISTRAT DOTTOR PAUL COPPINI LL.D.

### Seduta ta’ nhar il-Hamis 1 ta’ Frar, 2001 .

### Avviz numru : 15/00G2(PC)

**David Zerafa .**

**Vs**

**Joseph Pace .**

**Il-Qorti ;**

**Rat l-avviz li permezz tieghu l-attur talab lill-konvenut jghid ghaliex ma ghandux jigi kkundannat minn din il-Qorti jhallas lill-attur id-danni hekk kif likwidati u minnu sofferti kawza ta’ incident awtomobilistiku li sehh fit-tnejn (2) ta’ Novembru elf disa’ mija tmienja u disghin (1998) bejn il-vettura bin-numru tar-registrazzjoni KAC 924 misjuqa u appartenenti lill-attur u l-vettura bin-numru tar-registrazzjoni CBC 432 misjuqa mill-konvenut u appartenenti lil Salvu Cassar, ta’ liema incident l-konvenut kien unikament responsabbli minhabba imperizji, sewqan eccessiv, traskuragni u nuqqas ta’ tharis tar-regolamenti .**

**Bl-ispejjez inkluzi dawk ta’ l-ittra ufficjali pprezentata fit-tlieta (3) ta’ Dicembru ta’ l-elf disa’ mija disgha u disghin (1999) kif ukoll ta’ l-ittra ufficjali mibghuta lill-kumpanija ta’ l-assikurazzjoni pprezentata kontestwalment ma’ dan l-avviz u bl-imghaxijiet skond il-ligi .**

**Bl-ingunzjoni tal-konvenut ghas-subizzjoni .**

**Rat ir-riferta pozittiva tal-konvenut Joseph Pace li ggib id-data tas-17 ta’ Marzu, tas-sena elfejn . Innutat illi l-konvenut minkejja li gie debitament notifikat b’din il-kawza baqa’ kontumaci .**

**Rat in-nota ta’ l-attur David Zerafa pprezentata fil-31 ta’ Lulju tas-sena elfejn, li permezz taghha esebixxa zewg ircevuti bhala dokument “A” u “B” li jirrigwardaw l-ispejjez illi huwa sofra konsegwenza ta’ dan l-incident stradali .**

**Semghet lill-istess attur David Zerafa llum stess jikkonferma bil-gurament il-kontenut ta' dawn l-ircevuti, u l-Qorti billi jidhrilha illi l-ammont mitlub huwa gustifikat u ragjonevoli fic-cirkostanzi tal-kaz, tiddecidi l-kawza billi tilqa' l-istess talba attrici, u tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur, is-somma totali ta' mitejn sebgha u erbghin lira u tlettax-il centezmu (LM247.13c), l-ispejjez tal-kawza ghandhom jithallsu kollha mill-konvenut, u flimkien ma' l-ispejjez ta' l-ittra ufficjali tat-3 ta' Dicembru, 1999, kif ukoll ta' l-ittra ufficjali mibghuta lill-kumpanija ta' l-assikurazzjoni tieghu . Bl-imghaxijiet fuq din l-istess somma mid-data ta' din is-sentenza sad-data tal-pagament effettiv .**

(ft) Paul Coppini
Magistrat .
(ft) Francis Attard
Deputat Registratur .

Vera Kopja

Ghar-Registratur .
Si1500Pc
330